# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R MICALLEF**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 32/2015/1 MCH**

**Rosario *sive* Sario Sultana**

**v.**

**Avukat Generali u Spettur Louise Calleja**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta appell prinċipali mressaq mir-rikorrent u appell inċidentali imressaq mill-intimati appellati, minn sentenza *in parte* tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-3 ta' Ottubru 2018.

2. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-27 ta' April 2015, ir-rikorrent ippremetta li jinsab għaddej minn proċeduri kriminali wara li waħda minn uliedu akkużatu li wettaq stupru fuqha. Igħid li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' Jannar 2011 u kien biss wara 31 xahar ta' detenzjoni, cioe` f'Settembru 2013 li ingħata l-ħelsien mill-arrest minkejja li jgawdi mill-presunzjoni tal-innoċenza u l-perjodu massimu ta' detenzjoni skont il-liġi huwa 20 xahar. Jallega li l-uffiċjal prosekutur m'għamlet l-ebda tentattiv biex jitħaffu l-proċeduri u sikwit kienet tgħidlu li ser jgħaddi ġuri. Effettivament, fit-18 ta' Diċembru 2013 l-Avukat Ġenerali ħareġ l-Att tal-Akkuża kontrih. Igħid li sussegwentement qajjem diversi ilmenti kostituzzjonali quddiem il-Qorti Kriminali u talab li ssir referenza kostituzzjonali *ai termini* tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Madanakollu, b'sentenza mogħtija fil-11 ta' Frar 2015 dik il-Qorti ddikjarat l-ilmenti bħala frivoli u vessatorji u ddifferiet il-każ *sine die* sakemm il-ġuri jkun appuntat għas-smigħ. L-ilmenti fir-rikors promotur huma:-

<u>L-ewwel ilment</u>: allegata vjolazzjoni tal-Art. 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex l-istqarrija tiegħu waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija ittieħdet mingħajr assistenza legali. Igħid li għalkemm saret telefonata sabiex jikkonsulta mal-avukat Dr Toni Abela, dan ma setax ikellmu. Jikkontendi inoltre li jbati minn mard tal-qalb u dijabete fost problemi mediċi oħra u għalhekk għandu jitqies bniedem vulnerabbli meta

tteħditlu l-istqarrija mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Konsegwentment jippretendi li ma jistax jittieħed kont ta' dak l-interrogatorju u tal-istqarrija tiegħu bħala prova tal-kontenut tagħha għal finijiet ta' ħtija o meno u li m'għandiex tintuża bl-ebda mod fil-ġuri;

It-tieni ilment: allegata vjolazzjoni tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea peress li waqt li kien qed jiġi interrogat, ġie allegatament mhedded mill-intimata Spettur Louise Calleja fis-sens li jekk ma jammettix ħtija, hija kienet se tarresta lil bintu Antoinette talli gidbet. Igħid li kien minħabba dak it-theddid li ta l-istqarrija;

It-tielet ilment: allegata vjolazzjoni tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-prinċipji dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza u *reasonable time requirement* minħabba allegat dewmien eċċessiv u mhux neċessarju fil-proċeduri fl-istadju tal-istruttorja li matulu kien qiegħed jiġi pprivat mil-liberta` personali tiegħu;

Ir-raba' ilment: allegata vjolazzjoni tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex allegatament kellu jsofri tbatija kbira matul il-31 xahar li dam arrestat il-ħabs konsegwenza tal-fatt li l-intimati kienu jopponu għall-ħelsien mill-arrest tiegħu. Igħid li l-ħabs ma setax jirċievi t-trattament mediku meħtieġ għall-mard li huwa kellu (dijabete, pressjoni, *cholesterol*

u mard tal-qalb) u b'hekk saħħtu marret lura. Dan għalih iwassal għal trattament inuman u degradanti;

Il-ħames ilment: allegata vjolazzjoni tal-Art. 5(1), (3), (4) u (5) tal-Konvenzjoni Ewropea inkwantu nżamm taħt arrest preventiv u ġie pprivat mid-dritt għal-liberta` tal-persuna għal 31 xahar bi ksur tal-liġi ordinarja, l-Artikolu 575 tal-Kodiċi Kriminali li jimponi massimu ta' arrest preventiv ta' 20 xahar;

Is-sitt ilment: allegata vjolazzjoni tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex matul il-perjodu ta' 31 xahar li dam taħt arrest preventiv u l-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu sfat injorata, huwa ġie mċaħħad mill-ħajja privata u familjari tiegħu flimkien ma martu u uliedhom.

Talab għalhekk illi:-

> *"din il-Qorti jogħġobha tiddikjara li ġew miksura l-jeddijiet tiegħu taħt l-artikolu 5, 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda, Kap 319), tordna li ma jsir l-ebda użu mill-istqarrija impunjata fil-ġuri tiegħu, u tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti."*

3. L-intimati ppreżentaw tweġiba waħda. Permezz tagħha, filwaqt li ċaħdu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fil-fatt u fid-dritt, eċċepew:-

(i) l-intempestivita` tal-azzjoni stante li l-proċeduri kriminali għadhom ma ngħalqux; u

(ii) li l-ilmenti tar-rikorrent li jirrigwardaw theddid waqt l-interrogatorju u inammissibilita` tal-istqarrija diġa` ġew deċiżi mill-Qorti Kriminali.

4. B'rikors ippreżentat fl-20 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrent talab *interim measure* sabiex l-ewwel Qorti tordna li l-ġuri fil-proċediment "Att ta' l-Akkuża Numru 32/2013" iffissat għas-7 ta' Novembru 2016 jistenna l-eżitu definittiv ta dawn il-proċeduri kostituzzjonali, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' provvediment mogħti fit-3 ta' Novembru 2016. Ir-rikorrent appella minn dan il-provvediment iżda b'deċiżjoni ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar 2017, din il-Qorti ċaħdet l-appell.

5. Permezz ta' rikors ieħor tas-17 ta' April 2017 ir-rikorrent talab lill-Ewwel Qorti *'tordna li l-kwistjonijiet imqanqla fir-rikors pomotur dwar (1) l-istqarrija tal-akkużat meħuda bi ksur tad-drittijiet tal-persuna akkużata peress li l-Avukat Toni Abela (illum Onorevoli Mħallef Toni Abela) ma setgħax jattendi fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija biex jikkonsulta miegħu Rosario Scicluna, u (2) l-arrest preventiv in eċċess ta' dak li hu konsentit mil-Liġi – jiġu trattati u deċiżi qabel il-ġuri u illi l-provi f'dan l-istadju jkunu limitati għal dawn iż-żweġ kwistjonijiet biss.'* Minkejja oppożizzjoni da parti tal-intimati, l-Ewwel Qorti ma qisitx li kien hemm xi impediment li tingħata sentenza *in parte*, u permezz ta' digriet tat-30 ta' Mejju 2017

laqgħet it-talba. Madanakollu, ma kkonfermatx li s-sentenza kienet ser tingħata qabel il-bidu tal-ġuri.

6. B'sentenza li ngħatat fit-3 ta' Ottubru 2018, il-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) qalet li:

- fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni t-talba tar-rikorrent m'hijiex intempestiva kif issottomettew l-intimati;
- f'dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, ma kien hemm xejn iżomm li l-istess kwistjoni terġa' titressaq b'rikors, kif effettivament sar mir-rikorrent dwar id-dritt tal-assistenza tal-avukat u l-inammissibilita` tal-istqarrija; u

ddeċidiet li d-dritt tar-rikorrent li jikkonsulta ma' avukat ġie rispettat u li seħħet leżjoni tad-dritt għal-liberta` tal-persuna tar-rikorrent bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Irriżervat li tipprovdi dwar il-kumpens fis-sentenza finali dwar l-ilmenti li kien għad trid tingħata deċiżjoni dwarhom.

7. Minn dik is-sentenza appella r-rikorrent u ilmenta minn dawk il-partijiet tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti:

(i) qalet li *"id-dritt tar-rikorrent li jikkonsulta ma' avukat ġie rispettat"*;

(ii) iddeċidiet li ma kienx hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi d-dritt għal assistenza ta' avukat waqt l-interrogatorju (Artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni); u

(iii) ma pprovditx fl-istess sentenza r-rimedju xieraq, konsistenti f'kumpens, ekwivalenti għal "*just satisfaction*", minkejja li sabet li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni, u minflok, sempliċement irriżervat li *"tipprovdi dwar il-kumpens fuq is-sejba ta' dina l-leżjoni fid-deċiżjoni finali dwar l-ilmenti kostituzzjonali rimanenti."*

<u>Talab</u> għalhekk lil din il-Qorti:

> *"tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha (a) in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni dwar l-inappellabilità tal-azzjoni odjerna u (b) in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni dwar l-inappellabilità tal-azzjoni odjerna u kif ukoll (ċ) in kwantu ddikjarat li seħħet leżjoni tad-dritt tal-libertà tal-persuna tar-rikorrent bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u tirrevokaha u tħassarha (i) in kwantu ddikjarat li ma kienx hemm leżjoni tal-Artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni u li d-dritt tar-rikorrent li jikkonsulta ma' l-avukat ġie rispettat, u li (ii) in kwantu ma stabbiliet l-ebda kumpens u rriservat li tipprovdi dwar il-kumpens fuq is-sejba tal-preċitata leżjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni fid-deċiżjoni finali dwar il-ilmenti kostituzzjonali rimanenti, u minflok, tilqa' t-talbiet tar-rikorrent billi tiddikjara li kien hemm ukoll leżjoni tal-Artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni u tordna l-isfilz ta' l-istqarrija tal-esponent, u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrent kumpens xieraq fir-rigward taż-żewġ ilmenti, kompriżi d-danni pekunarji u non-pekunarji li sofra biċ-ċaħda illegali tal-libertà personali u bil-firda mill-familja tiegħu u dan fiż-żmien meta huwa kien preżunt innoċenti."*

8. Filwaqt li l-intimati <u>wieġbu</u> li l-appell tar-rikorrent għandu jiġi miċħud, ipproponew <u>appell inċidentali</u> minn dik il-parti tas-sentenza fejn

l-Ewwel Qorti iddikjarat li seħħet vjolazzjoni tad-dritt għal-liberta` tal-persuna bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Talbu għalhekk lil din il-Qorti:

> *"tirriforma s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru 2018 billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat li r-rikorrent ġarrab vjolazzjoni tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u minflok tiddikjara li l-appellat Sultana ma ġarrab l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, tikkonfermaha fil-bqija u dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat".*

9. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2015 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) kien hemm qbil li l-provi jistgħu jitkomplew fuq it-talbiet l-oħra mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-appell u appell inċidentali surriferit, u eventwalment ingħatat sentenza oħra fit-30 ta' Ottubru 2019 li qiegħed jiġi deċiż f'sentenza oħra li qiegħda tingħata llum.

Konsiderazzjonijiet.

10. L-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li *"id-dritt tar-rikorrent li jikkonsulta ma' avukat ġie rispettat".* Jilmenta li din il-konklużjoni hija fattwalment żbaljata għaliex ir-rikorrent ma setax jikkonsulta sewwa ma' avukat peress li meta ċempel lill-avukat ta' fiduċja tiegħu, dan tal-aħħar infurmah li ma setax imur id-Depot sabiex ikellmu. Iżid jilmenta li '*bl-ebda immaġinazzjoni ma tista' konverżazzjoni ta' ftit minuti fuq it-telefon f'post pubbliku ma' avukat li ma setax jattendi biex jagħti pariri fil-post ta' kustodja, qatt tissodisfa d-dritt garantit fl-Artikolu*

*6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni.'* Igħid li minflok l-Ewwel Qorti tatu protezzjoni speċjali għaliex huwa persuna vulnerabbli, ivvantaġġjat lill-intimati b'ħafna assunzjonijiet gratuwiti. Jirreferi ukoll għall-każistika li fil-fehma tiegħu tikkonferma li stqarrija meħuda fl-assenza ta' avukat hija leżiva tal-Artikolu 6(3)(ċ). Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti rriteniet li ma kienx hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u jinsisti li din il-Qorti għandha tordna l-isfilz tal-istqarrija meħuda mingħand ir-rikorrent bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni u tordna li m'għandha ssir l-ebda referenza matul il-ġuri għall-kontenut tagħha jew għal xi diskors bejn ir-rikorrent u l-Pulizija.

11. Peress li dawn iż-żewġ aggravji huma relatati, ser jiġu kkunsidrati u deċiżi flimkien.

12. L-intimati wieġbu li l-ewwel aggravju ħareġ 'l barra mill-ilment kif ġie delineat fir-rikors promutur peress li fih imkien ma kien hemm imniżżel li l-appellant qed jilmenta mill-fatt li ma ngħatax dritt li jikkonsulta ma' avukat <u>waqt</u> l-interrogatorju iżda l-ilment tiegħu jirreferi għal <u>qabel</u> l-interrogatorju tant li rrefera għall-jedd li jagħtih l-Artikolu 366AT tal-Kodiċi Kriminali. Igħidu li r-rikorrent bl-ebda mod ma kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta, anzi, l-istess ingħatat volontarjament u minnha jirriżulta li ngħatat skont il-liġi bid-debita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb

bħala prova kontrih kif ukoll; dikjarazzjoni li saret '*mingħajr theddid jew, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi'*. Konsegwentement huma tal-fehma li l-ilment m'huwiex ġustifikat u għalhekk l-aggravji għandhom jiġu miċħuda u m'għandu jingħata l-ebda rimedju.

13. Fl-ilment kif oriġinarjament imfassal ir-rikorrent jirreferi għall-Artikolu 355AT[1] tal-Kodiċi Kriminali kif kien japplika fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ u l-fatt li qabel l-interrogatorju saret telefonata lid-difensur ta' fiduċja tiegħu iżda dan tal-aħħar allegatament qallu li ma setax imur ikellmu. Huwa lmenta wkoll li għandu jitqies persuna vulnerabbli meta tteħditlu stqarrija mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Igħid li għalhekk '*l-istqarrija tiegħu ttieħdet bi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-Artikolu 6 tal-konvenzjoni u tal-liġi domestika'*.

14. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti rigward l-ewwel ilment tar-rikorrent kienu:-

> *"Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza Dominic Camilleri vs Avukat Generali, (Kost 02/03/2018) fejn il-Qorti qalet li llum il-posizzjoni fid-dritt penali malti fejn persuna suspettata ma tinghatax assistenza legali qabel tirrilaxxja stqarrija bhala rizultat ta' restrizzjoni sistemika applikabbli ghall-akkuzati kollha, giet kristallizzata fis-sens li tali cahda fl-istadju pre-processwali tirrendi l-istqarrija tal-akkuzat inammissibbli (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor, App Krim 01/12/2016). Din ir-regola giet ormai recepita bhala parti mid-Dritt procedurali penali ordinarju.*
>
> *"Dan hu l-kaz, izda, ghar-rigward ta` dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel l-10 ta' Frar 2010 meta ngiebu fis-sehh l-emendi li kienu saru ghal Kodici Kriminali fl-artikolu 74 tal-Att III tal-2002. Dan ghaliex taht il-ligi vigenti qabel l-emendi imsemmija l-akkuzat kien jigi b'mod assolut u*

[11] Għalkemm bi żball jirreferi għalih bħala l-Artikolu 366AT.

*sistemiku prekluz minn assistenza ta' avukat fl-istadju pre-processwali meta s-suspettat kien ikun fil-kustodja tal-pulizija.*

*"Bl-emendi msemmija, u ghalhekk fi zmien li giet rilaxxjata l-istqarrija de quo f'Jannar 2011, l-persuna suspettata inghatat id-dritt li tikkonsulta avukat qabel tigi interrogata mill-pulizija. Di fatti, l-legislatur fl-artikolu l-gdid mahluq fl-Att III tal-2002 haseb sabiex "il-persuna li tkun arrestata u qed tinzamm taht il-kustodja tal-Pulizija f'xi Ghassa jew f'xi post iehor ta' detenzjoni awtorizzata ghandha, jekk hija hekk titlob, tithalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon, ghal mhux aktar minn siegha zmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tigi interrogata, l-persuna taht kustodja ghandha titgharraf mill-Pulizija bid-drittijiet li ghandha taht dan is-sub-artikolu."*

*"Ghalhekk nholqot sitwazzjoni gdida ghar-rigward tal-istqarrijiet li gew rilaxxjati mid-data li ngiebu fis-sehh dawk l-emendi 'l quddiem b'mod li ma jistax jigi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola eskluzjonarja ta' dritt penali procedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli ghalkemm konformi mal-ligi penali vigenti fiz-zmien relevanti.*

*"Ir-rikorrent jissottometti li hu ma kienx ikkonsulta b'mod effettiv mal-avukat billi, skond hu, meta kellmu fuq it-telefon dan kien qallu li ma setax ikellmu jew biex imur ikellmu l-ufficcju.*

*"Jirrizulta skond il-records tal-Pulizija tal-Lock Up (ara Dok. LC2), li r-rikorrent kien ikkonsulta ma' Dr Toni Abela u hemm anke mnizzel il-hin meta saret u kemm damet dina t-telefonata (Dok. LC2 – 03/01/2011 at 12.05–12.20 to phone lawyer).*

*"Ghalhekk jirrizulta mill-atti li r-rikorrent inghata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat kif kienet tipprovdi l-ligi dak iz-zmien. Jekk imbaghad ir-rikorrent inghatax parir jew le, dik hi kwistjoni bejn ir-rikorrent u l-avukat li qabbad. Ma tantx huwa verosimili li persuna li tkun arrestata u qed titlob parir minghand avukat fuq it-telefon, l-avukat se jghidilha biex tmur l-ufficcju meta huwa jaf li dik il-persuna tinsab arrestata. Dr Abela lanqas ma jeskludi li huwa kien kellem u tah parir lir-rikorrent.*

*"Jigi rilevat li wara t-telefonata ma' Dr Abela r-rikorrent ma kienx ilmenta mal-Pulizija li hu ma kienx ikkonsulta mal-avukat jew li dan kien irrifjuta li jaghtih parir. Fir-records tal-lock up ma jidher ebda annotament li r-rikorrent kien ilmenta li ma kienx inghata parir. Kieku kien hekk, hu messu insista mal-Pulizija, bhal ma insista maghhom meta gibdilhom l-attenzjoni li huwa kien marid u kellu bzonn il-medicini. Il-Pulizija kienu baghtu ghal tal-familja biex igibilu l-medicini u dana jirrizulta mir-records tal-Lock Up. L-istess messu ghamel kieku verament ma kienx irnexxilu jikkonsulta effetivament mal-avukat. Il-Pulizija dejjem setghet tqabbadlu avukat tal-ghajnuna legali f'dak il-kaz.*

> *"Finalment jigi notat li mill-2011 sal 2013 ir-rikorrent qatt ma lmenta li huwa ma kienx inghata d-dritt li jikkonsulta effettivament mal-avukat la tul l-kumpilazzjoni u lanqas meta pprezenta sensiela ta' rikorsi ghal bail. Kien biss wara li hareg l-Att tal-Akkuza, li r-rikorrent qajjem diversi ilmenti kostituzzjonali, fosthom din li ma kienx ikkonsulta mal-avukat.*
>
> *"Illi ghalhekk din il-ilment tar-rikorrent mhiex gustifikata. Fid-dawl ta' din il-konkluzzjoni l-argument l-iehor tar-rikorrent li huwa persuna marida u ghalhekk ghandu jitqies persuna vulnerabbli, mhijiex rilevanti billi r-rikorrent inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat skond il-ligi vigenti."*

15. Din il-Qorti ma ssib l-ebda żball fattwali fil-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti. Mill-provi jirriżulta ċar illi r-rikorrent:

(i) ingħata dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel sarulu d-domandi mill-pulizija;[2]

(ii) għażel li jagħmel użu minn dak id-dritt;

(iii) ma għamel l-ebda ilment lil xi uffiċċjal tal-pulizija fis-sens li ma kienx ingħata parir legali qabel ta l-istqarrija; u

(iv) kien fl-2013 wara li ħareġ l-Att tal-Akkuża li r-rikorrent ilmenta għall-ewwel darba dwar l-istqarrija;

16. Irid issa jiġi determinat jekk l-aċċess għall-avukat li kellu l-appellant kienx jirrispetta d-drittijiet fundamentali tiegħu taħt il-Konvenzjoni. L-Artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdu:-

> *"(1) Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament*

[2] Dok LC2 a fol. 145.

*iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*

*….*

*"li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;"*

17. Fil-każ Beuze v. Belgium[3] il-Qorti Ewropea għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"125. Access to a lawyer at the pre-trial stage of the proceedings also contributes to the prevention of miscarriages of justice and, above all, to the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused (see Salduz, cited above, §§ 53-54; Blokhin, cited above, § 198; Ibrahim and Others, cited above, § 255; and Simeonovi, cited above, § 112).*

*"126. The Court has acknowledged on numerous occasions since the Salduz judgment that prompt access to a lawyer constitutes an important counterweight to the vulnerability of suspects in police custody. Such access is also preventive, as it provides a fundamental safeguard against coercion and ill-treatment of suspects by the police (see Salduz, cited above, § 54; Ibrahim and Others, cited above, § 255; and Simeonovi, cited above, § 112).*

*"127. The Court has also recognised that the vulnerability of suspects may be amplified by increasingly complex legislation on criminal procedure, particularly with regard to the rules governing the gathering and use of evidence (see Salduz, cited above, § 54, and Ibrahim and Others, cited above, § 253).*

*"128. Lastly, one of the lawyer's main tasks at the police custody and investigation stages is to ensure respect for the right of an accused not to incriminate himself (see Salduz, cited above, § 54; Dvorski, cited*

[3] [Grand Chamber] 9 ta' Novembru 2018.

*above, § 77; and Blokhin, cited above, § 198) and for his right to remain silent.*

*"129. In this connection, the Court has considered it to be inherent in the privilege against self-incrimination, the right to remain silent and the right to legal assistance that a person "charged with a criminal offence", within the meaning of Article 6, should have the right to be informed of these rights, without which the protection thus guaranteed would not be practical and effective (see Ibrahim and Others, cited above, § 272, and Simeonovi, cited above, § 119; the complementarity of these rights had already been emphasised in John Murray v. the United Kingdom, 8 February 1996, § 66, Reports of Judgments and Decisions 1996-I; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Navone and Others, cited above, §§ 73-74). Consequently, Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of the content of the right to legal assistance, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Simeonovi, cited above, § 119).*

*"130. In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein)."*

18. Fl-istess sentenza jingħad li għal dan il-għan għandhom jintlaħqu r-<u>rekwiżiti minimi</u> li ġejjin:-

*"133. First, as the Court has already stated above (see paragraph 124), suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview (see Brusco, cited above, § 54, and A.T. v. Luxembourg, cited above, §§ 86-87), or even where there is no interview (see Simeonovi, cited above, §§ 111 and 121). The lawyer must be able to confer with his or her client in private and receive confidential instructions (see Lanz v. Austria, no. 24430/94, § 50, 31 January 2002; Öcalan, cited above, § 135; Rybacki v. Poland, no. 52479/99, § 56, 13 January 2009;*

*Sakhnovskiy, cited above, § 97; and M v. the Netherlands, cited above, § 85).*

*"134. Secondly, the Court has found in a number of cases that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (see Adamkiewicz v. Poland, no. 54729/00, § 87, 2 March 2010; Brusco, cited above, § 54; Mađer v. Croatia, no. 56185/07, §§ 151 and 153, 21 June 2011; Šebalj v. Croatia, no. 4429/09, §§ 256-57, 28 June 2011; and Erkapić v. Croatia, no. 51198/08, § 80, 25 April 2013). Such physical presence must enable the lawyer to provide assistance that is effective and practical rather than merely abstract (see A.T. v. Luxembourg, cited above, § 87), and in particular to ensure that the defence rights of the interviewed suspect are not prejudiced (see John Murray, cited above, § 66, and Öcalan, cited above, § 131).*

*...*

*"136. In addition to the above-mentioned aspects, which play a crucial role in determining whether access to a lawyer during the pre-trial phase has been practical and effective, the Court has indicated that account must be taken, <u>on a case-by-case basis</u>, in assessing the <u>overall fairness</u> of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)."*

19. F'deċiżjoni aktar riċenti tal-Qorti Ewropea proprju kontra l-Istat Malti fl-ismijiet <u>*Farrugia v Malta*</u> deċiża fl-4 ta' Ġunju 2019, dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni li ma kinitx seħħet leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Il-konsiderazzjonijiet tagħha kienu s-segwenti:

*"96. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial (see Salduz, cited above, § 51, and Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, § 255, 13 September 2016). The right becomes applicable as soon as there is a "criminal charge" within the meaning given to that concept by the Court's case-law and, in particular, from the time of the suspect's arrest, whether or not that person is interviewed or participates in any other*

*investigative measure during the relevant period (see Beuze v. Belgium, [GC], no.71409/10, § 124, 9 November 2018 and Simeonovi v. Bulgaria [GC], no. 21980/04, §§ 111, 114 and 121, 12 May 2017).*

*"97. In Beuze, drawing from its previous case-law the Court explained the aims pursued by the right of access to a lawyer (§§ 125-130) and elaborated on the content of the right of access to a lawyer reiterating, in particular, that suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview or even where there is no interview and that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (§§ 133-134).*

*"98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no. 37537/13, 12 January 2016).*

*"99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

*"(i) Concept of compelling reasons*

*"100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a*

*respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

*"(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

*"101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*"102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*"103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

*"(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

*"104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
*"(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

> *"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
> *"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
> *"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*
> *"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*
> *"(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*
> *"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150)."*

20. Imbagħad iktar riċenti fil-każ Stephens v. Malta (No. 3),[4] il-Qorti Ewropea tenniet:

> *"72. Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62***).*** *In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them."*

21. Fil-każ in diżamina, ir-rikorrent ġie arrestat fit-3 ta' Jannar tal-2011 fil-11:20 ta' filgħodu u tteħditlu stqarrija fl-istess jum fis-18:50. F'din l-istqarrija, minnufih qabel il-firem tar-rikorrent, tal-appellata Spettur Louise Calleja u PC 1359 Reuben Żammit, b'tipa grassa hemm stampat:-

> *"Twissija mogħtija mill-Ispettur Louise Calleja fil-presenza ta' PC 1359 Reuben Zammit: 'M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova; madanakollu, jekk ma*

[4] (Application no. 35989/14), 14 January 2020.

*tkun trid tgħid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, il-Qorti jew il-ġudikant jistgħu jaslu għal regola ta' inferenza li tammonta għal prova korraborattiva, jekk matul il-proċess inti tressaq xi difiża li tkun ibbażata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni."*

22. Il-liġi applikabbli hija dik li kienet ġiet introdotta fil-Kodiċi Kriminali permezz tal-Att III tal-2002 li daħal fis-seħħ fl-2010 bis-saħħa tal-Avviż Legali 35 tal-2010:

*"**355AT**. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu."*

23. Fiż-żmien in kwistjoni l-liġi kienet tagħti d-dritt lil kull min jiġi arrestat li jitkellem mal-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel isirulu domandi mill-pulizija.[5] L-appellant jikkontendi iżda li mhux talli ma kellux assistenza ta' avukat matul l-interrogazzjoni, kif trid il-Konvenzjoni, talli lanqas ma ngħata assistenza legali adegwata qabel. Jilmenta li '*l-fatt li xi ħadd iniżżel li Rosario Sultana kellem bit-telefon lill-Avukat ...... ma jissodisfax ir-rekwiżit Konvenzjonali li l-persuna arrestata tingħata d-dritt ta' assistenza ta' avukat waqt l-interrogatorju.'*

24. Hekk kif ingħad aktar 'l fuq, jirriżulta li wara li r-rikorrent appellant ġie arrestat fit-3 ta' Jannar tal-2011 u qabel sarulu d-domandi mill-

[5] Sussegwentement din il-liġi nbidlet sabiex tat id-dritt għall-preżenza ta' avukat waqt l-istqarrija.

intimata, huwa ingħata l-fakulta` li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu jew bit-telephone jew wiċċ imb'wiċċ.[6] Meta xehed, l-appellant qal li kienet il-mara tiegħu li ċemplet lill-avukat u mhux hu[7]. Madankollu dan ma jirriżultax mir-reġistru tal-*movements of detainee*[8] minn fejn anzi jirriżulta li l-appellant għażel li jkellem avukat u ċempillu.

25. L-appellata Spettur Calleja xehdet li ma kinitx preżenti għal dik it-telefonata għaliex jieħu ħsieb il-*Custody Officer*. In kontro eżami kkonfermat ukoll li hija fl-ebda ħin ma ġiet infurmata li l-appellant ma kienx inqeda. Lanqas ma jirriżulta li l-appellant ilmenta mal-Ispettur Calleja li ma tkellimx ma' avukat u kellu bżonn ikellem avukat ieħor. Mil-*lockup records* eżebiti jirriżulta li l-appellant dam ħmistax-il minuta sakemm mar iċempel. Ladarba l-appellant ġie infurmat bid-dritt li jikkonsulta ma' avukat u dan sar fil-privat, probabbilment kien igħarraf lill-Pulizija jekk iltaqa' ma' xi diffikulta` u mhux ma jsemmi xejn.

26. Madankollu, il-fatt waħdu li persuna tkun ingħatat l-opportunita` li titkellem ma' avukat qabel l-interrogatorju u tkun għażlet li teżerċita dak id-dritt, ma jfissirx li hu biżżejjed. Skont il-ġurisprudenza m'huwiex biżżejjed li persuna tingħata assistenza legali qabel l-interrogazzjoni. Fiż-żmien in kwistjoni dak id-dritt ma kienx jeżisti u għalhekk l-ispettur li

[6] Fol. 200.
[7] Fol. 60.
[8] Fol. 145.

investigat il-każ żgur li ma kkunsidratx jekk kienx hemm '*compelling reasons'* li jiġġustifikaw li l-appellant jiġi interrogat mingħajr l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni.

27. Is-sentenza Beuze v Belgium tad-9 ta' Novembru 2018, ġiet ikkunsidrata wkoll fil-każ riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Paul Anthony Caruana v. Avukat Ġenerali*, tal-31 ta' Mejju 2019. F'dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigh xieraq:

> *"17. ... Fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea fl-interpretazzjoni tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat fil-kuntest tal-jedd għal smigħ xieraq, il-Qorti Ewropea kienet imsejħa, fil-każ ta' Beuze v. il-Belġju, biex tippreċiża aħjar x'inhi l-posizzjoni korretta. Tajjeb jingħad illi fil-każ ta' Beuze, bħal fil-każ tallum, il-liġi domestika fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u ma kien hemm ebda raġuni impellenti għala ma tħallietx tingħata l-għajnuna ta' avukat.*
>
> ...
>
> *"18. Din hija interpretazzjoni li hija eqreb mal-posizzjoni li kienet ħadet din il-qorti qabel is-sentenza ta' Borg milli mal-interpretazzjoni mogħtija mir-Raba' Sezzjoni f'Borg u effettivament tfisser li kellha raġuni il-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-posizzjoni li kienet ħadet fil-każ ta' Muscat u fis-sentenzi li segwew, qabel ma kienet kostretta tbiddel dik l-interpretazzjoni fid-dawl ta' Borg.*
>
> *"19. Uħud mill-imħallfin membri tal-qorti li tat is-sentenza ta' Beuze, f'opinjoni għalihom, ikkritikaw is-sentenza fejn qalet illi, f'kull każ, trid tqis il-proċess fit-totalità tiegħu u mhux biss in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, għax dehrilhom illi, iżjed milli preċiżazzjoni tal-interpretazzjoni ta' Salduz fid-dawl ta' Ibrahim, is-sentenza ta' Beuze hija kapovolġiment ta' dik il-ġurisprudenza. Hu x'inhu, hijiex preċiżazzjoni, elaborazzjoni, evoluzzjoni jew kapovolġiment, din hija sa issa l-aħħar kelma, u tagħti raġun lill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fil-ġurisprudenza li segwiet is-sentenza ta' Muscat.*
>
> *"20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn igħid illi "l-fatt waħdu illi persuna li tkun instabet ħatja ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha fil-mument tal-*

> *investigazzjoni u l-għotja ta' stqarrija lill-pulizija, minħabba restrizzjoni sistematika fil-liġi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigħ xieraq ta' dik l-istess persuna taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa ħażin u huwa miċħud.*"

28. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello*** deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Marzu 2020, hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ, bħal dak ta' Aiello, m'huwiex possibli li l-eżerċizzju msemmi fid-deċiżjoni ta' *Beuze* jsir għal kollox għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx u għalhekk għad m'hemmx sentenza finali**.**

29. Il-konsiderazzjonijiet li jistgħu jsiru f'dan l-istadju huma, min-naħa tar-rikorrent:

i. ġie mċaħħad mid-dritt ta' aċċess għall-avukat waqt l-interrogazzjoni;

ii. Il-konfessjoni hi fiha innifisha prova li tinkrimina lir-rikorrent fit-twettiq tar-reati;

iii. l-appellant qal li l-Ispettur Calleja interrogatu darbtejn[9] iżda inizjalment ċaħad l-allegazzjonijiet kontrih. Qalulu '*kif tiftakar nerġgħu inkellmuk'* u reġa' tniżżel fiċ-ċella[10];

[9] Xhieda a fol. 49 *et seq*.
[10] Fol. 55.

iv. igħid li peress li kien imbeżża', imbarazzat, qalbu maqtugħa li jiġi emmnut, u li jekk ma jweġibx jiġi meqjus li ammetta xorta waħda, it-tieni darba li ġie nterrogat '*għedtilhom mela jien il-każ għamiltu hux la trid tgħid hekk, imbagħad bkejt niftakar żgur għax jiġifieri bkejt mhux għax li għidt jien jiġifieri minnu, għax għidt inutli kollu għalxejn, imbagħad tfajt kollox fuqi għidt jiġri li jigri hemm Alla.*'[11];

30. Min-naħa l-oħra:-

i. irrispettivament mill-fatt jekk l-avukat tahx parir jew le, l-appellant ingħata u uża d-dritt li jikkonsulta ma' avukat bit-*telephone* eżatt qabel l-interrogazzjoni tal-Pulizija.[12]

ii. qabel l-istqarrija kien imwissi li kellu jedd li ma jitkellimx sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, u li dak li igħid jinġieb bħala prova. Kien jaf għalhekk x'inhi l-posizzjoni;

iii. m'hemmx prova li l-appellant ilmenta ma' xi uffiċjal tal-pulizija li ma kienx ingħata parir legali qabel għamel l-istqarrija. Dan apparti li r-rikorrent ma jista' jieħu l-ebda benefiċċju mid-deposizzjoni tal-avukat li ikkomunika miegħu, ġialadarba meta xehed ma ftakarx dwar il-każ partikolari minħabba li kien għadda ż-żmien. Lanqas m'hemm prova li qabel l-interrogazzjoni r-rikorrent talab li jitkellem ma' avukat ieħor;

[11] Fol. 59.
[12] Fol. 145.

iv. fil-proċeduri kriminali għandu kull opportunita` li jikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija bħala prova;

v. Ir-rikorrent qajjem dan l-ilment għall-ewwel darba fl-2013 wara li ħareġ l-Att tal-Akkuża, u cioe` tista' tgħid tliet snin wara li tressaq il-Qorti bl-akkuża li wettaq stupru vjolenti fuq bintu minuri. Hu veru li fl-istadju tal-kumpilazzjoni ma jiġix deċiż jekk l-imputat huwiex ħati jew innoċenti. Madankollu ma kien hemm xejn x'iżomm lir-rikorrent milli jagħmel il-posizzjoni tiegħu ċara sa mill-bidunett tal-proċess kriminali;

vi. igħid li l-Ispettur Calleja qaltlu li '*jekk ma nammettix u jekk nibqa' ngħid li ma kontx ħati, hija kienet ser tarresta lit-tifla tiegħi Antoinette talli ma kinitx qalet il-verita`'*,[13] pero` fi kliemu stess m'emminiex.[14] Għalhekk jidher li wkoll jekk għall-grazzja tal-argument dik il-verżjoni għandha mis-sewwa, dik ma kinitx ir-raġuni għalfejn għażel li jwieġeb għad-domandi li sarulu. Qal ukoll li kien wieġeb għaliex beża' li jekk jibqa' sieket l-affarijiet ser jiġu kontrih. Pero` fil-kors tal-proċeduri kriminali ser ikollu kull opportunita` li jikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija bħala prova.

vii. l-appellant qal li ma jafx jaqra iżda kkonferma li l-Ispettur qratlu '*l-karta'* hi minkejja li ma jiftakarx xi qratlu għaliex għadda ż-żmien. Pero` meta xehed ikkonferma li fl-istqarrija li ta lill-pulizija kien ammetta li abbuża minn bintu;[15]

---

[13] Fol. 28.
[14] Fol. 56.
[15] Fol. 60.

viii. huwa kien jaf x'qed tallega bintu qabel ma ġie arrestat għaliex ftit qabel tal-Appoġġ kienu bagħtu għall-mara tiegħu. Hu stess qal li ftit qabel arrestawh kien jaf. Għalhekk ma jistax jingħad li nqabad fuq sieq waħda.[16]

ix. skont il-*Movements of Detainee* miżmuma mill-*Custody Officers* l-appellant ġie arrestat fit-3 ta' Jannar 2011 fil-11:20 u ddaħħal il-*lockup* fil-11:55. Ħareġ fl-4 ta' Jannar 2011 fid-9:35 u minn hemm ittieħed il-qorti u wara l-ħabs. Sakemm kien il-*lockup*, fit-3 ta' Jannar 2011 huwa ċċaqlaq min-12:05 san-12:20 biex ċempel lill-avukat; min-12:20 sas-13:30 reġa' telgħa għall-investigazzjoni; fl-16:00 martu ħaditlu l-ikel; mis-18:15 sat-19:45 reġa' ċċaqlaq mil-*lockup* għall-investigazzjoni; u fit-19:45 ingħata l-mediċina skont il-preskrizzjoni. Fl-4 ta' Jannar 2011 il-mara tiegħu ħaditlu l-ikel fid-9:15 ta' filgħodu; fid-9:20 ingħata l-mediċina skont il-preskrizzjoni u mbagħad huwa ċċaqlaq mil-*lockup* bejn id-9:20 u d-9:35 għall-investigazzjoni. Fid-9:35 ittieħed il-qorti. Apparti l-fatt li jirriżulta li l-appellant ingħata l-fakoltà jċempel avukat tal-fiduċja tiegħu, minn dan id-dokument isegwi ukoll li l-interrogazzjoni tal-appellant ma kinitx eċċessivament twila u kemm dam il-*lockup* ingħata l-ikel li kienet ħaditlu l-mara u l-mediċini li kien jeħtieġ;

x. għalkemm l-appellant kien diġa` isofri minn problemi mediċi meta arrestawh, pero` jirriżulta li ngħatawlu l-mediċini meħtieġa b'dan illi

[16] Fol. 61.

din il-Qorti ma tqisx illi l-kundizzjoni medika tiegħu irrendietu vulnerabbli kif qiegħed jallega.

xi. L-istqarrija li ta lill-pulizija m'hijiex l-unika prova kontra r-rikorrent. Fil-fatt hemm id-deposizzjoni ta' bintu li xehdet waqt il-kumpilazzjoni u probabbilment ser terġa' titressaq bħala xhud waqt il-ġuri u fil-kors ta' liema d-difiża jkollha kull opportunita` li tagħmlilha kontro-eżami. Dan apparti li hemm ukoll l-istqarrija li tat lill-pulizija fid-9 ta' Novembru 2010.[17]

31. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza Graziella Attard v. Avukat Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2019, din il-Qorti wara li għamlet referenza ampja għal dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ta' Beuze v il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018:-

> *"9. Igħid sew għalhekk l-Avukat Ġenerali illi l-jedd mogħti taħt l-art. 6 tal- Konvenzjoni (kif ukoll taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni) huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd li tkellem avukat qabel interrogazzjoni mill-pulizija (għalkemm issa dak il-jedd ingħata bis-saħħa ta' strumenti leġislativi oħra), u illi biex tgħid jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq trid tqis il-proċess kollu, u mhux biss episodju iżolat, sakemm ma jintweriex illi dak l-episodju kellu effett hekk drastiku illi ikkontamina l-proċess kollu".*

32. Bħala *overall fairness,* hu prematur li jingħad li l-istqarrija waħedha twassal għall-allegata vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq. F'dan il-każ il-ġuri għad irid isir u għalhekk hemm garanziji oħra

[17] Fol. 147.

proċedurali li għad jistgħu jissalvagwardjaw id-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq.

33. Madankollu din il-Qorti diġa` għamlitha ċara f'sentenzi preċedenti li stqarrija li jkun ta suspettat lill-pulizija mingħajr ma kellu l-opportunita` li jkollu avukat preżenti, m'għandhiex tintuża f'proċeduri kriminali. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018).

34. Dan apparti li l-kwistjoni dwar jekk l-istqarrija tar-rikorrent għandhiex tintuża bħala prova kontra r-rikorrent ġiet issa riżolta bid-digriet li tat il-Qorti Kriminali fit-23 ta' Settembru 2020 fil-kawża ir-Repubbblika ta' Malta kontra Rosario sive Sario Sultana (att ta' akkuża numru 32/2013), li bih ordnat:

> *"4. Għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' t-talba tal-akkużat kif postulata fir-rikors tiegħu tat-12 ta' Mejju, 2017 u konsegwentement tordna li ma ssir ebda referenza għall-istqarrija tiegħu jew kull dikjarazzjoni oħra li seta' għamel fl-assenza tal-avukat tiegħu fil-pre stage proceedings u li dawn m'għandhomx jinġiebu a konjizzjoni tal-ġurati".*

35. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li minkejja li l-Qorti tal-ewwel grad sabet li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni, ma pprovdietx rimedju xieraq konsistenti f'kumpens ekwivalenti għal "just satisfaction", iżda sempliċement irriżervat li *"tipprovdi dwar il-kumpens fuq is-sejba ta' dina l-leżjoni fid-*

*deċiżjoni finali dwar il-ilmenti kostituzzjonali rimanenti."* Igħid li dik il-Qorti kellha tillikwida kumpens xieraq minnufih speċjalment in rigward tal-fatt li dam 31 xahar arrestat meta l-massimu previst mil-liġi huwa ta' 20 xahar.

36. Fis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2018, il-Qorti sempliċement irriżervat li fis-sentenza finali tipprovdi dwar il-kumpens dovut għall-ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Fil-fatt fis-sentenza finali li tat fit-30 ta' Ottubru 2019, il-Qorti stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas. M'hemm xejn ħażin jew inġust fil-fatt li l-Ewwel Qorti rriżervat li tipprovdi dwar il-kumpens fis-sentenza finali. Għalhekk l-aggravju hu miċħud ukoll.

<u>L-Appell Inċidentali tal-intimati mill-ewwel sentenza tat-3 ta' Ottubru 2018.</u>

37. L-intimati min-naħa tagħhom ħassew ruħhom aggravati minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ddikjarat li seħħet vjolazzjoni tad-dritt għal-liberta` tal-persuna bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Jikkontendu li l-jedd tal-liberta` fiżika m'huwiex wieħed assolut u ma jkun hemm l-ebda ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni fejn (a) iċ-ċaħda tal-liberta` personali tkun imwettqa skont proċedura stabbilta b'liġi, u (b) li ż-żamma jew arrest ikunu legalment ġustifikati sakemm (ċ) tkun tgħodd dwarha mqar waħda mis-sitt raġunijiet maħsuba fl-artikolu 5(1). Huma ma jikkontestawx li r-rikorrent appellat inċidentalment inżamm arrestat fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin mill-4 ta' Jannar 2011 sal-31 ta'

Lulju 2013, żmien li matulu kienet għaddejja l-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u li l-att tal-akkuża kien preżentat fis-16 ta' Diċembru 2013. Jikkonċedu wkoll li japplikaw l-Artikoli 575 u 582 tal-Kodiċi Kriminali b'dan illi, b'referenza speċifika għall-Artikolu 575(5)(6)(a)(iii) tal-Kap 9, ir-rikorrent kien eliġibbli għall-ħelsien mill-arrest minn Awwissu 2012 u ċioe` wara għoxrin xahar mill-arrest tiegħu. Jargumentaw iżda li r-rikorsi minnu preżentati għall-ħelsien mill-arrest saru bejn Jannar 2011 u Settembru 2011 u għalhekk ġew miċħuda leġittimament. Sussegwentement ma għamel l-ebda talba għall-ħelsien mill-arrest. F'dan il-kuntest jikkwotaw l-Artikolu 582 tal-Kap. 9 li jipprovdi li, '*il-qorti ma tistax ex officio tagħti ħelsien mill-arrest taħt garanzija, meta dan il-ħelsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkużat.'* Jikkontendu għalhekk li kien jispetta lir-rikorrent jagħmel it-talbiet opportuni. Wara r-rikors tas-16 ta' Settembru 2011 kien biss fid-29 ta' Lulju 2013 li r-rikorrent reġa' talab il-ħelsien mill-arrest, u għal liema talba l-Avukat Ġenerali m'opponiex. Fil-fatt il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent.

38. F' dan ir-rigward, il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu:

> *"Illi jirrizulta mill-provi li bejn meta r-rikorrent gie prezentat f'Jannar 2011 u sa Settembru 2011 saru tmien talbiet ghal helsien mill-arrest u dawn dejjem gew opposti mill-Avukat Generali u michuda mill-Qorti. Fis-27 ta' April 2012 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma fadallhiex aktar provi. L-Avukat General ghamel diversi drabi talbiet ghal prorogi biex ikun jista jipprezenta l-att ta' akkuza kif jirrizulta mir-rinviji fl-atti u imbaghad fit-18 ta' Dicembru 2013, l-Avukat Generali hareg l-Att ta' Akkuza numru 32/2013 kontra r-rikorrent. F'Settembru 2012 kienu skadew l-ghoxrin xahar, u sena wara inghata l-liberta provvisorja f'Settembru 2013. Ir-rikorrent ghalhekk jigi li ghamel minn Jannar 2011 sa Settembru 2013 taht kustodja preventiva.*

*"Din il-Qorti taghraf li s-siwi jew il-legalita taz-zamma ta' persuna trid titqies kemm fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-ligi domestika u kif ukoll f'dak tal-Konvenzjoni (Mikalauskas vs Malta, para 89).*

*"Skond l-art. 575 tal-Kodici Kriminali il-Qorti tista' taghti helsien mill-arrest wara li tikkunsidra ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, imbaghad il-ligi issemmi li jekk ighaddu certi termini l-Qorti jkollha taghti l-helsien mill-arrest. Mhux kontestat f'dan il-kaz li t-terminu massimu li fih ir-rikorrent seta jibqa` taht kustodja preventiva kien ghadda u ghalhekk ir-rikorrent kien qed jinzamm arrestat kontra dak li tipprovvdi l-ligi domestika.*

*"Ir-rikorrent ighid ukoll li hu sofra lezjonijiet taht is-subincizi (1)(3)(4) u (5) tal-Art 5 tal-Konvenzjoni Ewropea:*

> *"1. Everyone has the right to liberty and security of person. No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law: (a–f)*
> *3. Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1(c) of this Article shall be brought promptly before a judge or other officer authorised by law to exercise judicial power and shall be entitled to trial within a reasonable time or to release pending trial. Release may be conditioned by guarantees to appear for trial.*
> *4. Everyone who is deprived of his liberty by arrest or detention shall be entitled to take proceedings by which the lawfulness of his detention shall be decided speedily by a court and his release ordered if the detention is not lawful.*
> *5. Everyone who has been the victim of arrest or detention in contravention of the provisions of this Article shall have an enforceable right to compensation.*

*"Ir-rikorrent qed jikkontesta l-legalita taz-zamma tieghu taht kustodja preventiva minn Jannar 2011 sa Settembru 2013. Hu jsostni li ma kellux rimedju effettiv taht l-artikolu 5 § 3, 4 tal-Konvenzjoni in kwantu li ghamel tmien talbiet f'perjodu ta' disgha xhur biex jinghata l-helsien mill-arrest u dejjem gew opposti u michuda. Il-fatti kienu qed juru li ghalkemm kien talab diversi drabi ghal helsien mill-arrest kollox kien jidher li qed ikun kollox ghal xejn. Kif xehed ir-rikorrent imbaghad bhal donnu qata qalbu. Hu jsemmi li hu ma kienx jahdem u kien bir-relief u r-rikorsi ma jsirux b'xejn.*

*"Illi l-intimati ghamlu referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Arias u sostnew li f'dik is-sentenza il-Qorti sabet li ma kienx hemm detenzjoni illegali nonostante li kien qabez it-terminu prevvist mill-ligi billi kien id-dover tal-imputat li jipprezenta r-rikors biex jitlob il-liberta provvisjorja. Izda ezattament dik is-sentenza qalet hekk u sabet lezjoni:*

> *"This Court, for example, does not concur with the first Court's reasoning that the fact that the defendant had been detained without bail in excess of 20 months, this "rendered his arrest illegal". The continued detention would have become illegal had a request for bail been made by the defendant and that request denied. None of this*

> *occurred in this case. Nevertheless, it remains up to the public authorities to ensure that a person's continued detention is at all times in conformity with Article 5 of the Convention.*
>
> *"Therefore, the fact that the defendant failed to request bail as required by the Criminal Code is an irrelevant consideration for the purpose of a determination as to whether his current detention is in conformity with the said Article 5. The defendant's failure to request bail could have a bearing on the nature of the remedy, where appropriate, which the Court could grant the defendant should a violation be found in his regard but not for the purpose of determining whether Article 5 is being violated by his continued detention*

*"Il-Qorti tirreferi wkoll ghal gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu li tghid:*

> *"The responsibility falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable time (Bykov v Russia 10.3.2009 para 63).*
>
> *"In this connection, the Court reiterates that the burden of proof in these matters should not be reversed by making it incumbent on the detained person to demonstrate the existence of reasons warranting his release(see Ilijkov v Bulgaria, no. 33977/96, §85, 26July 2001).*

*"Il-ilment tar-rikorrent hija bazata kemm fuq il-fatt li d-detenzjoni tieghu ghal 31 xahar kienet kontra l-ligi domestika (art. 575 Kap. 9) kif ukoll li ma kinitx legali skond l-artikolu 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni.*

*"Fil-fehma ta' dina l-Qorti li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma mxietx bid-diligenza rikjesta fejn l-imputat baqa' taht kustodja preventiva ghal 31 xahar, liema zmien la huwa perjodu ragjonevoli u lanqas legali. Ghalhekk il-Qorti qed issib lezjoni tad-dritt ghall-liberta tal-persuna tar-rikorrent taht l-Artikolu 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni.*

*"Hi l-fehma tal-Qorti pero li s-sejba tal-lezjoni u r-rimedju li tista' taghti l-Qorti 'l quddiem f'dawn il-proceduri mhumiex relatati direttament mal-process tal-guri u l-akkuzi migjuba kontrih u ghalhekk ma hemm xejn x'jostakola l-proceduri tal-guri."* (Enfasi tal-Qorti)

39. Huwa ċar li l-ilment in diżamina tal-intimati hawn appellanti inċidentalment, hija sempliċement <u>riproponiment *ad verbatim*</u> tad-difiża tagħhom fil-prim'istanza.[18] M'għamlux argumenti ġodda fir-rigward tal-

[18] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol. 217 *et seq*.

konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-ewwel grad u l-każistika minnha kkwotata fid-deċiżjoni appellata. Dan m'huwiex l-iskop ta' appell.

40. F'kull każ, id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kap. 9 huma s-segwenti:

> *"**575**. (5) Meta f'każ ta' persuna imputata ta' delitt li dwaru l-Qorti tal-Maġistrati tkun għaddiet għal kumpilazzjoni li tinħtieġ, l-Avukat Ġenerali ma jkunx jew –*
>
> > *"(a) ippreżenta l-att tal-akkuża, jew*
> > *(b) bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati kif provdut fl-artikolu 370(3)(a) jew fl-artikolu 433(5) ta' dan il-Kodiċi jew f'xi provvediment simili f'xi liġi oħra*
>
> *"fiż-żminijiet speċifikati fis-subartikolu (6), li jibdew jgħoddu minn dakinhar li fih il-persuna imputata tinġieb quddiem l-imsemmija qorti, jew minn dakinhar meta hija tiġi arrestata kif provdut fl-artikolu 397(5), dik il-persuna għandha tingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.*
>
> *"(6) (a) Iż-żminijiet li għalihom jirriferi s-subartikolu li jiġi qabel dan huma:*
>
> > *...*
> >
> > *"(iii) għoxrin xahar f'każ ta' delitt suġġett għall-piena ta' priġunerija ta' disa' snin jew aktar'.*
>
> *"582.(1) Il-qorti ma tistax ex officio tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, meta dan il-ħelsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkużat.*
>
> *"(2) Il-qorti tista' tordna li jingħata avviż qabel ta' erbgħa u għoxrin siegħa tal-pleġġ li jkun sejjer jinġieb.*
>
> *"(3) Il-qorti tista', għal raġuni tajba, ittawwal iż-żmien li qabel tkun iffissat għad-dehra tal-akkużat jew imputat."*

41. Dawn iż-żewġ disposizzjonijiet ma jistgħux ma jinqrawx flimkien. L-Artikolu 575 jipprovdi ċirkostanzi meta persuna <u>għandha</u> tingħata l-ħelsien mill-arrest <u>taħt garanzija</u> filwaqt li l-Artikolu 582 jipprovdi li talba għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija <u>għandha tintalab mill-imputat jew</u>

akkużat u ma tistax tingħata mill-Qorti *ex officio*. Għalhekk, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti u skont dak deċiż minn din il-Qorti f'*Moumin Trabule` v. Il-Ministru tal-Gustizzja*,[19] ma inkisritx dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali. Skont id-dispożizzjonijiet legali appena ċitati, kien jispetta lir-rikorrent li jitlob li jingħata l-ħelsien mill-arrest. Effettivament meta ppreżenta rikors f'dak is-sens wara li kien għadda t-terminu fuq imsemmi, it-talba tiegħu ġiet milqugħa. Evidentement in-nuqqas kien tar-rikorrent li baqa' passiv meta għadda t-terminu msemmi fl-Artikolu 575(6) tal-Kodiċi Kriminali.

42. Madanakollu, għalkemm ma kienx hemm ksur tal-liġi ordinarja ma jfissirx li b'daqshekk l-affarijiet ġraw kif irid l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. L-Ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikolu 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti ser tibda billi tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-Artikolu 5(3):-

> *"Article 5 § 1 (c) is mostly concerned with the existence of a lawful basis for detention within criminal proceedings, whereas Article 5 § 3 deals with the possible justification for the continuation of such detention."*[20]

43. Dwar dan l-aspett, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea hi ċara:

> *"The requirement of lawfulness ... is not satisfied merely by compliance with the relevant domestic law; domestic law must itself be in conformity with the Convention, including the general principles expressed or implied in it ...' (Plesó v. Hungary, no. 41242/08, 2 October 2012, § 59).* (Enfasi tal-Qorti)

> *"the general principles implied by the Convention to which the Article 5 § 1 case-law refers are the principle of the rule of law ... and, connected to the latter, that of legal certainty ... the principle of proportionality and the principle of protection against arbitrariness ... (which is, moreover,*

[19] Deċiża fil-11 ta' Mejju, 2015.
[20] ***(Mikalauskas v. Malta*** *(Application no. 4458/10)* 23 July 2013 § 101.

> *the very aim of Article 5 ...)' (Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012, § 32).*
>
> *"Article 5 of the Convention lays down an obligation on the State not only to refrain from active infringements of the rights in question, but also to take appropriate steps to provide protection against an unlawful interference with those rights to everyone within its jurisdiction' (El-Masri v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, [GC] no. 39630/09, ECHR 2012, § 239).*

44. F'dan il-kuntest, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-prosekuzzjoni ma mxietx bid-diligenza li kienet meħtieġa f'dan il-każ. L-ewwel proroga li saret mill-Avukat Ġenerali hija datata 16 ta' Jannar 2012. Wara dik id-data saru xi rinviji iżda l-prosekuzzjoni baqgħet ripetutament tiddikjara li m'għandhiex aktar provi. Il-ftit xhieda li tressqu minn hemm 'l quddiem setgħu faċilment tressqu qabel ħlief xhud li kienet f'koma fl-ITU għal żmien twil u għalhekk żgur ma kinitx f'kundizzjoni li tixhed. Fil-frattemp, ir-rikorrent tħalla taħt arrest preventiv sal-31 ta' Lulju 2013 minħabba li naqas milli jippreżenta rikors għall-ħelsien mill-arrest malli għalaq 20 xahar f'detenzjoni preventiva. Dan bla dubju jmur kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni li jrid li:

> *"Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanzija biex jidher għall-proċeduri."*

45. Għalhekk, għalkemm strettament skont il-Kodiċi Kriminali n-nuqqas kien tar-rikorrent li ma talabx li jingħata l-ħelsien mill-arrest wara li għaddew għoxrin xahar, hu ċar li l-massimu tal-perjodu ta' arrest

preventiv maħsub fl-Artikolu 575(6)(A)(iii) huwa meqjus bħala l-estrem ta' *reasonable time.* Bla dubju jaqa' fuq l-Istat id-dmir li persuna ma tinżammx f'detenzjoni preventiva għall- perjodu iktar minn dak kontemplat mil-liġi. Hu veru li r-rikorrent naqas milli jitlob il-ħelsien ta' arrest hekk kif skadew l-għoxrin xahar. Madankollu l-fatt li baqa' passiv hu ma jfissirx li l-Istat kellu jibqa' qisu xejn mhu xejn.

46. Konsegwentment, safejn dan l-aggravju jirreferi għal sejbien ta' leżjoni a tenur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni, qiegħed jiġi miċħud.

47. L-Ewwel Qorti sabet ukoll ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni. Fir-rigward il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tgħid:

> "*90. According to the Court's case-law, Article 5 § 4 refers to domestic remedies that are sufficiently certain, otherwise the requirements of accessibility and effectiveness are not fulfilled. The remedies must be made available during a person's detention with a view to that person obtaining a speedy judicial review of the lawfulness of his or her detention capable of leading, where appropriate, to his or her release (see Kadem, cited above, § 41 and Sadaykov v. Bulgaria, no. 75157/01, § 32, 22 May 2008). In fact, Article 5 § 4, also proclaims the right, following the institution of such proceedings, to a speedy judicial decision concerning the lawfulness of that detention (see Musial v. Poland [GC], no. 24557/94, § 43, ECHR 1999-II). (Mikalauskas v. Malta (Application no. 4458/10)* 23 July 2013*).*"

48. Fiċ-ċirkostanzi r-rimedju a dispożizzjoni tar-rikorrent sabiex jinħeles mill-arrest kien wieħed altru milli aċċessibbli u effikaċi. Prova ta' dan huwa l-fatt stess li meta fid-29 ta' Lulju 2013 ippreżenta r-rikors għall-ħelsien mill-arrest ma kienx hemm oppożizzjoni da parti tal-prosekuzzjoni u fil-fatt it-talba intlaqgħet b'digriet tal-31 ta' Lulju 2013.

49. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti fejn sabet ukoll ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni. Għalhekk, l-appell tal-intimati limitatament fuq dan is-subinċiż tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni qiegħed jiġi milqugħ.

L-Appell tar-rikorrent mis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2019.

50. Ir-rikorrent appella wkoll mis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2019. Permezz tal-ewwel aggravju jilmenta li l-Ewwel Qorti f'paġna 14 astjeniet milli tieħu aktar konjizzjoni tat-tieni ilment dwar theddid waqt it-teħid tal-istqarrija filwaqt li f'paġna 27 ċaħditha flimkien ma' wħud mil-ilmenti l-oħra. Jikkontendi li fir-rigward ta' dan l-ilment l-Ewwel Qorti kellha ssemmi li kienet qed tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni tiegħu u tħalliha mpreġudikata biex jiddeċiedu fuq il-fatti l-ġurati matul il-proċess tal-ġuri, iżda ma setgħetx tiċħadha wara li astjeniet milli tiddeċidiha.

51. L-appellati da parti tagħhom wieġbu li ma jaqblux mal-interpretazzjoni tal-appellant li fid-*deċide* l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ilment u dan għaliex fis-sentenza joħroġ ċar x'inhuma l-ilmenti li ġew espressament miċħuda.

52. L-Ewwel Qorti qalet:-

*"It-tieni ilment: theddida waqt l-interrogatorju*

*"Ir-rikorrenti ssottometta illi waqt l-interrogatorju tieghu, l-Ispettur Louise Calleja qaltlu li jekk ma jammettix u jekk jibqa' jghid li ma kienx hati, hija kienet ser tarresta lit-tifla tieghu Antoinette talli ma kienitx qalet il-verita. Ighid li dan wassal biex hu ghamel l-istqarrija pprezentata mill-Ispettur Louise Calleja. Dan sar bi vjolazzjoni tal-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi smigh xieraq, f'kull stadju tal-proceduri, mill-mument tal-arrest sad-decizjoni finali dwar il-kaz.*

*"L-intimati wiegbu li l-ilment tar-rikorrent li jirrigwarda theddid waqt l-interrogatorju diga giet deciza mill-Qorti Kriminali meta giet mitluba tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari li qajjem l-akkuzat. Fil-fatt permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali datata 11 ta' Frar 2015 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario sive Sario Sultana il-Qorti ippronunzjat ruhha kif gej:*

> *"F'din l-istess eccezzjoni l-akkuzat qieghed jallega l-illegalita tal-operat tal-ufficcjal investigattiv l-Ispettur Louise Calleja minhabba theddid illi allegatment ghamlet fuq l-akkuza sabiex jirrilaxxa l-istqarrija. Din hija kwistjoni ta' prova illi tista' tirrizulta waqt is-smigh tax-xhieda. L-akkuzat irid jiftakar, pero, illi min jallega jrid jipprova u spetta ghalih biex igib din il-prova quddiem il-gurati jekk ikun il-kaz, dejjem fuq bazi ta' probabilita kif id-difiza ghandha d-dritt illi tressaq il-grad tal-provi taghha.*

*"Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-kwistjoni hawn sollevata dwar il-volontarjeta tal-istqarrija rilaxxjata hija materja ta' fatt li qghad trid tigi deciza mill-Qorti Kriminali. Fil-fatt ir-rikorrent stess fin-nota tieghu f'dawn il-procedura rriserva l-jedd li hu jqajjem din il-kwistjoni, jekk ikun il-kaz.*

*"Ghadaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' dina l-ilment."*

53. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza qalet:

*" ... sehhet lezjoni tad-dritt ghall-liberta tal-persuna tar-rikorrent bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea; issib ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*
*Tichad it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti;*
*Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrent ghal-lezjonijiet riskontrati fl-ammont ta' €3,000 (tlett elef euro);*
*Spejjez tal-kawza jinqasam bejn il-partijiet."*

54. L-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ilment inkwantu sabet li l-premessa li fuqha tistrieħ l-allegata vjolazzjoni konvenzjonali hija materja ta' fatt li għad trid tiġi deċiża mill-Qorti Kriminali. Dan neċessarjament ifisser li fuq dik il-premessa l-Ewwel Qorti ma setgħet issib l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif jippretendi r-rikorrent u konsegwentement ma hemm xejn konfliġġenti mill-fatt li fil-parti dispożittiva l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba dwar l-ilment relatat mal-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

55. Ir-rikorrent jallega li ġie mhedded waqt l-interrogazzjoni, fis-sens li f'każ li ma jammettix l-intimata qaltlu li kienet ser tarresta lil bintu talli ma qalitx il-verita`. Pero` dak l-allegat theddid m'għandu x'jaqsam xejn ma' smigħ xieraq. Fil-proċess kriminali kull akkużat għandu jedd li jikkontesta l-allegata konfessjoni minħabba allegat theddid. Għalhekk m'hemm xejn irregolari bil-mod li ddeċidiet l-ewwel Qorti.

56. It-**tieni aggravju** tar-rikorrent appellant huwa li l-Ewwel Qorti ddikjarat illi ma kienx hemm ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza tar-rikorrent. Igħid li l-ilment tiegħu dwar ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza hija bbażata fuq il-fatt illi għamel 31 xahar ta' detenzjoni preventiva b'tal-inqas 11-il xahar minnhom arrest jew detenzjoni illegali, u għalhekk dawn jammontaw għal kastig. Igħid li l-Ewwel Qorti ma afferratx il-punt illi l-preżunzjoni tal-innoċenza tirrikjedi li ħadd ma jiġi mgħobbi b'kastig qabel

ma jiġi misjub ħati u kkundannat. Barra minn hekk, igħid li l-Avukat Ġenerali ma ġab l-ebda prova u ma ressaq l-ebda raġuni biex juri li kien hemm *a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.* Iżid inoltre li r-regola tassattiva li persuna ma ddumx arrestata aktar minn 20 xahar huwa dritt awtomatiku u safejn l-Artikolu 582(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi mod ieħor għandu jiġi dikjarat inkonsistenti. Jisħaq li r-responsabbilta` għan-nuqqas ta' osservanza ta' tali liġi li tipprovdi tassattivament għall-ħelsien mid-detensjoni jrid iġorrha l-Istat u mhux, kif qalet l-Ewwel Qorti '*ir-rikorrent għandu jġorr ħafna mir-responsabbilta` għal fatt li huwa ma ħarigx bil-bail.'*

57. L-appellati ma jikkontestawx li r-rikorrent inżamm arrestat fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin mill-4 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Lulju 2013. Lanqas ma huwa kontestat li l-Avukat Ġenerali dam sa Diċembru 2013 biex ħareġ l-Att tal-Akkuża. Għalhekk, skont l-Artikolu 575(5)(6)(a)(iii) tal-Kodiċi Kriminali, l-appellant kien eliġibbli għall-ħelsien mill-arrest minn Awwissu 2012. Itennu iżda li skont l-Artikolu 582 tal-Kap. 9, il-ħelsien mill-arrest seta' jingħata biss fuq talba tar-rikorrent iżda huwa ma għamel l-ebda talba f'dan is-sens bejn it-12 ta' Settembru 2011 u d-29 ta' Lulju 2013.

58. Dwar dan il-ilment, l-Ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

*"Dwar f'hiex tikkonsisti dina l-presunzjoni tal-innocenza, l-Qorti tirreferi ghal kaz Yassar Hussein, §§ 19 fejn il-principji generali rilevanti gew elenkati:*

> *"... the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 is one of the elements of a fair criminal trial required by Article 6 § 1. It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty unless he has been proved so according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning to suggest that the official regards that person as guilty (see Daktaras v. Lithuania, no. 42095/98, § 41, ECHR 2000-X, and A.L. v. Germany, no. 72758/01, § 31, 28 April 2005). Whether a statement of a public official is in breach of the principle of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made (see Daktaras, cited above, § 43). The provision applies even where the substantive criminal proceedings have ended, provided that there is a sufficient nexus between the criminal proceedings and the events in issue (see Sekanina v. Austria, 25 August 1993, § 22, Series A no. 266-A). In such circumstances, the question is whether the trial judge relied on suspicions as to the applicant's innocence after the applicant had been acquitted (ibid., § 30; see also Moody v. the United Kingdom, no. 22613/93, Commission's report of 16 October 1996, unpublished, and D.F. v. the United Kingdom, no. 22401/93, Commission decision of 24 October 1995, unreported, which both concerned Practice Directions on the making of defendants' costs orders).*

*"Fil-kaz in ezami mill-atti jirrizulta li mkien f'dawk il-proceduri ma saret xi dikjarazzjoni li r-rikorrent kien hati tal-akkuzi migjuba kontrih.*

*"Il-fatt li l-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent ghal ghoti tal-liberta provvisorja diversi drabi ma jfissirx li l-Qorti kisret id-dritt tal-akkuzat ghal presunzjoni tal-innocenza. Kif gie deciz fil-kaz Hauschildt vs Denmark:*

> *"The mere fact that a trial judge or an appeal judge has also made pre-trial decisions in the case, including those concerning detention on remand, cannot be held as in itself justifying fears as to his impartiality.*

*"Kwantu ghal fatt li r-rikorrenti nghata bail meta kienu ghaddew l-ghoxrin xahar previst mill-Kodici Kriminali l-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg tat-28 ta` Gunju 2006 fil-kawza Kubicz vs Poland fejn inghad hekk:*

> *"The question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention.*

*"Fil-kaz Mikalauskas vs Malta (Application no. 4458/10) il-Qorti Ewropeaa qalet hekk f'dan ir-rigward:*

> *"1. According to the Court's case-law, the presumption under Article 5 is in favour of release (see Bykov v. Russia (GC), no. 4378/02, § 61, 10 March 2009). It falls in the first place to the national judicial authorities to ensure that, in a given case, the pre-trial detention of an accused person does not exceed a reasonable time. To this end they must examine all the facts arguing for or against the existence of a genuine requirement of public interest justifying, with due regard to the principle of the presumption of innocence, a departure from the rule of respect for individual liberty and set them out in their decisions dismissing the applications for release*

*"Fil-kaz inezami kien hemm ragunijiet validi ghaliex l-Avukat Generali kien qed jipponi t-talbiet tar-rikorrent ghal liberta' provvisorja, izda meta ghaddhew l-ghoxrin xahar, r-rikorrent kellu dritt li jinghata l-liberta provvisorja skond il-ligi. Izda r-rikorrent ma hax il-passi necessarji biex jitlob il-liberta provvisorja. Skond il-ligi l-Qorti ma setghetx min rajha takkordalu l-liberta provvisorja jekk mhux wara li jsir rikors ghal dak l-iskop. L-Art. 582(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:*

> *"Il-Qorti ma tistax ex officio taghti l-helsien mill-arrest taht garanzija, meta dan il-helsien ma jitolbux l-imputat jew l-akkuzat.*

*"Ghalkemm, kif gia deciz fis-sentenza preliminari ta' din il-Qorti, teknikament inkiser id-dritt tal-rikorrent ghal liberta provviorja taht l-Artikolu 5 billi kien ghadda z-zmien, izda dana ma jfissirx necessarjament li b'daqshekk kien inkiser ukoll id-dritt ghal presunzjoni tal-innocenza jew li r-rikorrent kien qed jigi dikjarat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Ir-rikorrent ghandu igorr hafna mir-responsabilita ghal fatt li huwa ma harigx bil-bail. Hu baqa' inattiv u ma talabx lill-Qorti ghal bail meta ghaddew l-ghoxrin xahar. Ghalhekk ma kienx hemm ksur tal presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent."*

59. Din il-Qorti diġa` esprimiet ruħha aktar 'l fuq dwar l-artikoli applikabbli tal-Kodiċi Kriminali. Dak li huwa rilevanti fil-kuntest ta' dan l-aggravju huwa li kien hemm ksur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni meta r-rikorrent inżamm arrestat għal perjodu ta' kważi sena oltre` il-massimu

ta' detenzjoni preventiva maħsuba fil-Kodiċi Kriminali. Stabbilit li r-rikorrent kellu l-fakoltà li jitlob il-ħelsien mill-arrest sa minn Awwissu 2012 u li l-prosekuzzjoni ma mxietx bid-diliġenza rikjesta meta ħalliet lill-appellant taħt kustodja preventiva għal 31 xahar, irid jiġi meqjus jekk il-11-il xahar ta' detenzjoni preventiva oltre l-għoxrin xahar prevvisti mil-liġi tammontax għal 'piena' u konsegwentement għall-ksur tal-preżunzjoni tal-innoċenza kif allegat mill-appellant.

60. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi kif ġej:

> *"(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi"*

61. B'dan, il-Qorti Ewropea tifhem:

> *"93. Article 6 § 2 safeguards the right to be "presumed innocent until proved guilty according to law". Viewed as a procedural guarantee in the context of a criminal trial itself, the presumption of innocence imposes requirements in respect of, inter alia, the burden of proof ... ; legal presumptions of fact and law ...; the privilege against self-incrimination ...; pre-trial publicity ...; and premature expressions, by the trial court or by other public officials, of a defendant's guilt ...' (Allen v. The United Kingdom, [GC] (Application no. 25424/09) 12 July 2013)."*

62. Il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li s-sejbien ta' leżjoni taħt l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni <u>ma jġibx awtomatikament</u> miegħu l-leżjoni tal-Artikolu 6(2) tal-istess Konvenzjoni ukoll. Fiċ-ċirkostanzi odjerni, il-fatt li r-rikorrent appellant kellu d-dritt jinħeles mill-arrest qabel ma effettivament ħareġ bil-*bail* ma jistax jinftiehem li ġie leż id-dritt tiegħu li jiġi preżunt innoċenti, ġialadarba fil-kuntest tal-ġuri li għad irid jaffaċċja, dan il-fatt mhu se jkollu l-ebda impatt fuq l-preżunzjoni tal-innoċenza

tiegħu. Ir-rikorrent kien u għadu preżunt innoċenti. M'hemm l-ebda dikjarazzjoni li hu ħati. Evidentement baqa' arrestat mhux għaliex il-Qorti kkunsidratu bħala ħati tal-akkużi iżda minħabba li r-rikorrent ma ppreżentax rikors fejn talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest u evidentement ħadd ma induna li kienu għaddew l-għoxrin xahar kontemplati mil-liġi.

63. Inoltre, dwar l-allegazzjoni li l-perjodu ta' arrest preventiv ta' 31-il xahar jammonta għal piena, jiġi mtenni li kien ir-rikorrent <u>stess</u> li naqas milli jagħmel użu mid-dritt li tagħtu l-liġi sabiex jinħeles mill-arrest wara 20 xahar. Għalkemm il-prosekuzzjoni naqset meta baqgħet passiva wara li għadda dak il-perjodu, jibqa' il-fatt li <u>meta fid-29 ta' Lulju 2013 l-appellant talab il-ħelsien mill-arrest, il-prosekuzzjoni ma opponietx u l-Qorti laqgħet it-talba tiegħu</u>. Għalhekk m'huwiex il-każ li kien preżunt ħati kif allega.

64. Għalhekk, dan l-aggravju hu miċħud ukoll.

65. Permezz <u>tat-tielet aggravju</u> r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni billi kien hemm dewmien biss għas-sentejn li fihom l-Avukat Ġenerali dam biex iressaq l-Att ta' Akkuża, kif ukoll in kwantu kkonkludiet illi r-rikorrent ħa sitt snin "*biex jagħmel użu sħiħ mir-rimedji li tagħtih il-liġi*".

66. L-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur kien minħabba dewmien eċċessiv waqt il-kumpilazzjoni (ara l-ewwel paragrafu ta' fol. 4) u minħabba li kien miżmum arrestat matul dak il-perjodu.

67. Jirriżulta li r-rikorrent kien tressaq b'arrest fl-4 ta' Jannar 2011 u l-att tal-akkuża ħareġ fis-16 ta' Diċembru 2013, cioe` kważi tliet snin wara. Ir-rinviji mill-Avukat Ġenerali bdew fit-23 ta' Jannar 2012. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2013 l-uffiċjal prosekutur iddikjarat *".... b'mod defenittiv li m'għandhiex provi oħra xi tressaq".*

68. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fuq dan l-ilment kienu s-segwenti:

> *"Illi sabiex jigi determinat jekk id-dewmien kienx dovut minhabba l-imgieba tal-partijiet jew minhabba xi nuqqas tal-awtorita gudikanti, iridi jigi ezaminat l-iter processwali kollu. Il-Qorti ezaminat il-process kriminali u minnu jirrizulta s-segwenti:*
>
> *"Il-komplessita tal-kaz*
> *Ir-rikorrent kien gie akkuzat bir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni, sekwestru ta' persuna u attentat vjolenti ghall-pudur ta' bintu Antoinette Sultana. Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-kawza penali ma kienitx tipprezenta xi komplessita partikolari; ma kienx hemm xi numru kbir ta' xhieda x'jittellghu u l-ligi hija cara.*
>
> *"Is-sehem tal-awtoritajiet relevanti*
> *Illi jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fi zmien sena mill-prezentata. Il-kawza bdiet fl-4 ta' Jannar 2011 u l-Prosekuzzjoni iddikjarat li kien hemm prima facie kaz fil-28/01/2011 u li ma kellhiex aktar provi fil-14 ta' Dicembru 2011.*
>
> *"Meta l-Avukat Generali rceva l-atti u beda jitlob proprogi biex ikun jista jipprezenta l-Att ta'Akkuza. Hu beda jitlob proprogi fil-23/01/2012 u baqa' sejjer hekk sakemm l-att ta' akkuza gie pprezentat fil-16/12/2013.*

*L-Avukat Generali dam sentejn biex jipprezenta l-att ta' akkuza wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex provi.*

*"L-imgieba ta' min iressaq l-ilment*
*Fit-3 ta' Settembru 2013 ir-rikorrenti kien beda jilmenta dwar dewmin da parti tal-Avukat Generali biex johrog l-att ta' akkuza u fil-21/10/13 ipprezenta rikors biex issir referenza kostituzzjonali. Fil-16/12/2013 l-att ta' akkuza gie pprezentat mill-Avukat Generali u fil-11/02/2015 inghata sentenza fuq eccezzjonijiet preliminari u l-Qorti ddikjarat ukoll li l-ilmenti kostituzzjonali mressqa mir-rikorrent kienu frivoli u vessatorji. Fil-27/04/2015 ir-rikorrent ipprezenta rikors kostituzzjoni odjern li beda jinstemgha fit-30/06/2015. Ir-rikorrent talab lil Qorti Kriminali biex il-guri jigi differit sakemm tigi deciza l-kawza kostituzzjonali izda l-guri gie appuntat ghas-07/11/2016. Kienet saret talba biex il-guri jigi pospost u t-talba giet eventwalment milqugha. Fit-03/10/2018 inghatat decizjoni preliminari minn dina l-Qorti Kostituzzjonali li giet appellata mir-rikorrent u l-appell qieghed ghat-trattazzjoni. Il-kawza penali qeghda ukoll soggetta biex jinghata degriet.*

*"Illi mill-atti ghalhekk jirrizulta li ghalkemm l-att ta' akkuza gie pprezentat fil-21/10/2013 bl-agir tar-rikorrent illum il-guri ghadu ma nstemghax u sa issa diga ghaddew sitt snin.*

*"Skond il-kazistika tal-Qorti ta' Strasburgu "Only delays attributable to the state may justify a find of failure to comply with the 'reasonable time' requirement (Proszak vs Poland). An applicant in principle cannot have it held against him that he has made full use of the procedures available to him under domestic law to pursue his defence (Eckle vs Germany u Erkner and Hofauer vs Austria, § 68)). An applicant is not required actively to co-operate with the judicial authorites but nonetheless his conduct may be taken into account as an objective factor for which the Goverment is not responsible (Eckle vs Germany). Some time-wasting or dilatory conduct will not prevent a violation where it does not contribute substantially to the overall length of proceedings (Kudla vs Poland).*

*"Illi fil-kaz in ezami l-Qorti tirravvisa li kien hemm dewmien mhux ragjonevoli fir-rigward tas-sentejn li l-Avukat Generali dam biex iressaq l-att ta' akkuza. In kwantu ghal-proskuzzjoni dina mexxiet il-kaz bil-mod l-aktar spedit u ghalqet il-provi taghha fi zmien sena. Is-sitt snin li ha r-rikorrent biex ghamel uzu shih mir-rimedji li taghtih il-ligi mhux responsabbili ghalihom l-Istat."*

69. L-appellant jikkontendi iżda li s-sitt snin inħlew minħabba allegati deċiżjonijiet ħżiena tal-Qorti Kriminali u abbuż tal-proċess ġudizzjarju da

parti tal-Avukat Ġenerali. Jisħaq li huwa aġixxa '*skont il-binarji korretti iżda ġie diraljat'.*

70. Dan l-ilment huwa nfondat. Ir-rikorrent għamel użu mir-rimedji li kienu jispettaw lilu u l-Qorti Kriminali ddeċidiethom skont il-liġi. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali kellu kull dritt li jiddefendi l-każ tiegħu. Għalhekk, it-trapass ta' żmien fir-rigward jirriżulta ġustifikat u ma jistax jiġi mputat lill-intimati appellati sempliċement għaliex ir-rikorrent appellant ma jaqbilx mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali jew mal-pożizzjoni li assuma l-Avukat Ġenerali.

71. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

72. Permezz <u>tar-raba' aggravju</u> r-rikorrent appellat jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm ksur tad-dritt għall-protezzjoni minn trattament inuman u degradanti.

73. Wara li rreferiet għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea fir-rigward u x-xhieda in atti, il-Qorti kkonkludiet li:-

> *"... l-Awtoritajiet imxew fil-parametri tal-ligi u mal-ewwel irrikonoxxew li r-rikorrent ibghati minn diversi problemi medici u li ghandu bzonn kura kontinwa u fil-fatt din il-kura nghata, Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li fil-kaz odjern sar xi agir li jista' jitqies bhala trattament inuman jew degradanti fil-konfront tar-rikorrent."*

74. L-appellant jilmenta iżda li dan ma kienx il-punt tiegħu. L-argument ewlieni tiegħu kien iżda li '*meta raġel isofri minn diversi forom ta' mard,*

*jitħalla l-ħabs għal tant żmien, <u>bi ksur tal-liġi kriminali</u>, mifrud mill-familja tiegħu, ikun vittma ta' umiljazzjoni u telf ta' dinjità u trattament inuman u degradanti.'*

75. Fir-rikors promutur il-ilment tar-rikorrent taqra' testwalment kif ġej:

> *<u>"Ir-raba' ilment: trattament inuman u degradanti</u>*
>
> *"Illi minkejja li "il-partijiet qed jaqblu li l-imputat huwa sofferenti rninn kundizzjoni kardijaka, diabete, pressjoni gholja u cholesterol gholi" (pagna 8 tal-process) u ghadda minn operazzjonijiet tal-qalb, il-Pulizija u l-Avukat Generali dejjem opponew il-helsien mill-arrest, u baqghu jirrezistu li huwa jinheles mill-arrest ghal 31 xahar, minn Jannar 2011 sa Settembru 2013.*
>
> *"B'hekk l-esponent kellu jsofri tbatija kbira fil-habs, waqt li d-drittijiet tieghu ma kienux qeghdin jigu rispettati. <u>Fil-habs l-esponent ma setax jircievi t-trattament mediku li kien jehtieg u sahhtu marret lura. Dan jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>."*

76. Isegwi minn dan li l-Ewwel Qorti fehmet sew l-ilment tar-rikorrent, u ddeċidiet dwaru. L-ilment oriġinali tar-rikorrent hu bażat fuq l-allegazzjoni li għandu mard kroniku u li għall-perjodu ta' 31 xahar minn Jannar 2011 sa Settembru 2013 *"..... il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali dejjem opponew il-ħelsien mill-arrest"*. Dak li allega r-rikorrent m'huwiex fattwalment korrett. Wara li skadew l-għoxrin xahar l-intimati qatt m'opponew għall-ħelsien tar-rikorrent taħt garanzija.

77. Għal dak li jikkonċerna kura medika li r-rikorrent irċieva fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, m'hemmx provi li ma ngħatax il-kura li kellu bżonn.

78. Kull persuna li tinsab il-ħabs taħt arrest preventiv u qed tikkontesta l-akkużi kontriha tista' targumenta li qed tiġi mifruda mill-familja tagħha, umiljata u mnezza' mid-dinjita` tagħha. Iżda l-Istat għandu l-obbligu iressaq persuni quddiem il-ġustizzja meta jkun hemm suspett raġjonevoli li kkommettew reat kriminali.

79. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

> *"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

80. L-awturi *Harris, O' Boyle & Warbrick* f''*Law of the European Convention on Human Rights'*[21] jikkwotaw ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li tgħid:

> *"Ill treatment 'must attain a minimum level of severity' if it is to amount to inhuman treatment contrary to Article 3. In particular, it must 'cause either actual bodily harm or intense physical or mental suffering'. Where relevant, the suffering caused must 'go beyond that inevitable element of suffering' that results from a 'given form of legitimate treatment or punishment."*

81. F'dan il-każ, il-Pulizija pproċediet bl-investigazzjoni tagħha fir-rigward tar-rikorrent abbażi ta' dak li irrapportat bintu. Wara li r-rikorrent innifsu għamel stqarrija fejn ammetta l-akkużi kontrih, tressaq il-qorti u wara ttieħed il-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin. It-talbiet li għamel biex jinħareġ bil-*bail* u ġew miċħuda <u>kienu saru meta ma kienx għadu arrestat għal aktar minn 20 xahar</u>. Iżda meta fid-29 ta' Lulju 2013 l-appellant talab li jingħata l-ħelsien mill-arrest, dik it-talba intlaqgħet minnufih.

---
[21] Tieni edizzjoni, p. 75.

82. Il-ħames aggravju tal-appellant hu dwar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li kkonkludiet li ma kienx hemm ksur tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja.

83. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:-

> *"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.*
>
> *"(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehiieg f'socjeta demokratika fl-interessi tas-sigurta nazzjonali, sigurta pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."* (Enfasi tal-Qorti)

84. Id-deċiżjoni tal-prim'istanza f'dan ir-rigward hija s-segwenti:

> *"It-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu jaghmel eccezzjonijiet fejn tali ndhil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd ghall-hajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. L-artikolu 8 pero jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pozittiva biex jara li tabilhaqq ikun hemm harsien tal-jedd mahsub fl-artikolu 8. Ghalhekk mhux kull indhil huwa projbit sakemm ikun joqghod mal-ghanijiet mahsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indhil maghmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-ghanijiet.*
>
> *...*
>
> *"Fil-kaz in ezami l-logotenent Elenio Galea, xehed li r-rikorrent kellu kemm contact kif ukoll non contact visits mal-familja. Non-contact visits isiru kuljum bejn it-Tnejn u l-Gimgha bejn 9.00am u 11.30am u bejn is-2.00pm u 3.30pm; fir-rigward ta' contact visits hemm tnejn fil-gimgha, pero l-hin irid jigi bbukkjat. Lir-rikorrent kienet tmur tarah il-mara, it-tifel u t-tifla tieghu. Hemm dokumenti li juru li l-contact visits li kienu jsiru b'mod regolari. Fil-kaz ta' non-contact visits, ikun hemm hgiega bejn il-prigunier u min qed izuru, fil-kaz ta' contact visists, dawn isiru f'sala u l-persuni ikunu fuq l-istess mejda. Ikun hemm ufficjali tal-habs jissorveljaw dak li jkun qed jigri.*
>
> *"Marion Sultana, bint ir-rikorrent, xehdet li kienu jmorru jaraw lil daddy il-habs kuljum, mentri Maria Sultana, martu, tghid li kienu jaghmlu zmien li ma setghux jaraw lir-rikorrent il-habs ghax kien hemm oggezzjoni. Ir-rikorrent xehed li meta kien il-habs ghal bidu ma kienux*

*hallewh jara lil tal-familja imbaghad beda jarahom fi granet mal-mejda u ohrajn mill-hgiega. Hu dam hdax il-xahar ma jara lit-tfal.*

*"Fuq dana l-punt is-Supretendent Louise Calleja ddikjarat (ara fol. 279) li r-rikorrenti gie arrestat u akkuzat talli abbuza sesswalment lil bintu. Ghalhekk sabiex ma jkunx hemm intralc tal-provi u ghal ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja hi ma kinitx sabet oggezzjoni li l-mara tar-rikorrent u xi familjari ohra biss ikunu jistghu jzuruh gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Il-mara tar-rikorrent qatt ma talbitha biex taghtiha permess sabiex ir-rikorrenti ikun jista' jara lill-uliedu. Inotre rrilevat li dawn it-tip ta' permessi jigu awtorizzati mill-Qorti u mhux minnha.*

*"Fil-fehma tal-Qorti l-interferenza fil-hajja familjari tar-rikorrent kienet gustifikata taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 8. L-interferenza kienet ibbazata fuq il-ligi u kellha l-iskop legittimu li tara li ma jkunx hemm intralc tal-provi u tal-amministrazzjoni tal-gustizzja fejn f'dan il-kaz ir-rikorrenti hu akkuzat li abbuza sesswalment lil bintu stess. Kuntatti mal-familja kien hemm regolarment, kemm bil-contact kif ukoll bil-non-contact visits. Fir-rigward tal-fatt li r-rikorent dam xi xhur biex ikollu visits minn xi uliedu, r-raguni kienet minhabba li r-reat li bih ir-rikorrenti kien akkuzat jinvolvi allegat abbuz sesswali ta' wahda minn uliedu, u s-Supt. Calleja qalet ukoll li ma kinitx saret talba specifika ghal dak il-ghan.*

*"Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-awtoritajiet ma naqsux milli jassistu lir-rikorrent in maintaining contact with his close family meta hu ghamel xi zmien detenut fil-Facilita Korrettiva. Konsgwentement ma hemmx ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni."*

85. Ir-rikorrent appellant jikkontendi hawn ukoll li l-Ewwel Qorti ma afferratx sewwa n-natura tal-ilment. Igħid li <u>awtomatikament</u> detenzjoni illegali ġġib vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja, diment li jkun hemm firda mill-bqija tal-familja.

86. Rilevanti hu sub-artikolu (2) tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jipprovdi, '*Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun <u>skont il-ligi</u> ...'.* Skont il-ġurisprudenza tal-QEDB:

*"64. The Court reiterates that it has consistently held that the expression "in accordance with the law" requires firstly that the*

> *impugned measure should have a basis in domestic law, but also refers to the quality of the law in question, requiring that it be accessible to the persons concerned and formulated with sufficient precision to enable them – if need be, with appropriate advice – to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail.'* (*Ozdil and Others v. The Republic of Moldova,* (Application no. 42305/18) 11 ta' Ġunju, 2019)."

87. Jiġi mtenni li f'dan il-każ, il-Pulizija pproċediet abbażi ta' informazzjoni serja li saret minn bint l-appellant stess u wara li ta stqarrija. Qabel ma ħareġ l-Att tal-Akkuża kontrih, l-appellant qatt ma kkontesta l-istqarrija tiegħu. It-talbiet li għamel sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest u li dwarhom kien hemm oġġezzjoni mill-prosekuzzjoni, kollha saru qabel skada l-perjodu ta' għoxrin (20) xahar kontemplati mil-liġi. Meta imbagħad fid-29 ta' Lulju 2013 ippreżenta rikors b'talba sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest, dik it-talba intlaqgħet minnufih.

88. Din il-Qorti diġa` esprimiet ruħha fis-sens illi m'huwiex il-każ li fiċ-ċirkostanzi kien hemm ksur ta' disposizzjoni tal-Kodiċi Kriminali. Ir-rikorrent appellant kellu jagħmel it-talba għall-ħelsien mill-arrest u effettivament, meta huwa ressaq rikors f'dak is-sens wara li kien għadda t-terminu prefiss, it-talba tiegħu ġiet milqugħa mingħajr ebda diffikulta`. Semmai kien in-nuqqas tiegħu li jitlob il-ħelsien mill-arrest hekk kif skadew l-għoxrin xahar, li wassal sabiex baqa' f'detenzjoni u 'l bogħod mill-familja tiegħu.

89. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi s-sejbien ta' ksur a tenur tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ma jġibx awtomatikament

miegħu l-ksur tal-Artikolu 8 ukoll u dan speċjalment in vista tal-fatt li din il-Qorti ma sabitx ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni u laqgħet l-appell tal-intimati limitatament f'dak ir-rigward.

90. Is-sitt aggravju jirrigwarda l-ammont ta' kumpens. L-appellant jilmenta li minkejja sejbien ta' ksur tal-Artikoli 5 u 6 tal-Konvenzjoni, l-ewwel qorti llikwidat il-kumpens fis-somma ta' €3,000 mingħajr l-ebda indikazzjoni ta' kif waslet għal din is-somma. Igħid li kieku huwa ġie rilaxxjat wara 20 xahar kien inkun jista' jaħdem imqar bil-paga minima nazzjonali.

91. Fl-ewwel lok, meta l-appellant ġie arrestat kien ilu ħames snin ma jaħdimx u jirreġistra. F'kull każ, li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent appellant għadhom iridu jinstemgħu. Għalhekk f'dan il-każ għad hemm il-possibilta` li l-appellant jinsab ħati tal-akkużi dedotti kontrih. F'dik l-eventwalita`, skont l-Artikolu 22 tal-Kap. 9, kull perjodu ta' detenzjoni preventiva li huwa għamel titqies bħala parti miż-żmien ta' priġunerija jew detenzjoni taħt il-kundanna tiegħu.

92. Il-partijiet jaqblu li fil-każ tar-rikorrent japplika l-Artikolu 575(6)(a)(iii) tal-Kap. 9 li jikkonċerna reati li jġorru piena ta' priġunerija ta' disa' snin jew aktar. Ifisser dan li l-piena li potenzjalment jista' jiġi soġġett għaliha l-appellant jekk jinstab ħati tal-akkużi dedotti kontrih hija ferm itwal mill-31 xahar li dam f'arrest preventiv. Konsegwentement, jekk jinstab ħati,

il-31 xahar sħaħ jitnaqqsu mill-piena u l-appellant ma huwa ser ikun għamel ebda perjodu ta' detenzjoni aktar minn dak li għalih jista' jiġi kkundannat.

93. Fiċ-ċirkostanzi, tenut kont tal-inċertezza dwar l-eżitu tal-proċeduri kriminali kontra l-appellant li f'dan l-istadju għadu qiegħed jistenna li jgħaddi minn ġuri, il-kumpens iffissat mill-Ewwel Qorti huwa wieħed raġonevoli. Dan apparti l-fatt li ma kien hemm xejn x'iżomm lir-rikorrent milli hekk kif skadew l-għoxrin xahar, jippreżenta rikors għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest b'garanzija u f'liema każ bil-liġi kien jingħatalu. Talba li għamel biss ħdax-il xahar wara.

L-Appell Inċidentali tal-intimati mid-deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2019.

94. L-ewwel aggravju ma jaqblux mal-Ewwel Qorti li hemm leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali u dan għaliex jekk kien hemm dewmien dan ma ġiex ikkawżat mill-Istat jew mill-Qorti iżda mir-rikorrent. L-intimati jikkontendu li '*minn imkien ma joħroġ li l-prosekuzzjoni kellha żmien sena biex tagħlaq il-provi u toħroġ l-att tal-akkuża.'* Jisħqu ukoll li kwalsiasi dewmien wara li nħareġ l-Att tal-Akkuża żgur mhux attribwibbli għal xi nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni.

95. Dan l-aggravju huwa nfondat. Aktar 'l fuq f'din is-sentenza din il-Qorti diġa` trattat aggravju ieħor rigward id-dewmien tal-proċeduri kriminali. A skans ta' dilungar inutli, filwaqt li din il-Qorti tabbraċċa dak deċiż mill-Ewwel Qorti dwar dan l-ilment, ittenni biss li ma tirriżulta l-ebda raġuni valida li tiġġustifika l-fatt li l-Avukat Ġenerali dam sas-16 ta' Diċembru 2013 biex ħareġ l-Att tal-Akkuża meta l-prosekuzzjoni kienet ilha li għalqet il-provi tagħha fl-14 ta' Diċembru 2011, ossija sentejn qabel u minn hemm saru prorogi u rinviji biss sabiex jinstemgħu xi xhieda li setgħu faċilment ġew prodotti qabel. Il-kumplament tal-aggravju dwar d-dewmien wara s-16 ta' Diċembru 2013 huwa bla bażi inkwantu l-Ewwel Qorti ma sabet l-ebda ksur f'dak ir-rigward.

96. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

97. It-tieni aggravju huwa li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha li seħħet leżjoni ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex il-kwistjoni mhix *res judicata*.

98. Dan l-aggravju qiegħed jiġi respint inkwantu sorvolat b'dak hawn deċiż peress li din is-sentenza tiġbor l-appelli miż-żewġ sentenzi tal-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant, safejn kompatibbli ma dak hawn deċiż, il-Qorti:-

i. tiċħad l-appell tar-rikorrent appellant mis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-3 ta' Ottubru 2018, spejjeż a karigu tar-rikorrent;

ii. tilqa' biss in parte l-appell inċidentali tal-intimati mis-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-3 ta' Ottubru 2018 billi tħassarha fejn sabet ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea fir-rigward tar-rikorrent u minflok tiddeċiedi illi ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Ewropea. Tikkonferma s-sentenza għall-kumplament. Spejjeż tal-appell tal-intimati jinqasmu nofs bin-nofs bejn ir-rikorrent u l-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr